MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 472/2007

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri E D kjamat fil-kawza,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi nhar it-3 ta' Settembru 2007 twieled il-minuri E D skond l-Att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok KZ 1 dan wara relazzjoni extra maritali illi r-rikorrenti kellu ma' l-intimata C D.

Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata permezz ta' ittra bonarja datata 11 ta' Settembru 2007 [kopja hawn

annessa u mmarkata bhala Dok. KZ 2] u permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2007 kif mitlub skond l-artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok KZ 3] debitament notifikata lill-intimata nhar l-20 ta' Settembru 2007 sabiex tirraprezenta nota fejn tiddikjara li qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;

Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 2829 tas-sena 2007 taht missier mhux maghruf;

Illi r-rikorrent ghandu interess illi jirrikonoxxi l-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

Jghid ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghar-ragunijiet suesposti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri E D huwa iben naturali tar-rikorrenti A B billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita definittivament il-paternita' tal-minuri;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-minuri E D numru ta' iskrizzjoni 2829, jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem *unknown father* jigu sostitwiti bis-segwenti: A B, karta ta' l-identita' numru 604982M, imwieled Pieta' u residenti Qormi iben Saviour B;

3. Tiffissa il-modalitajiet ta' access li r-rikorrenti ghandu jkollu a favur tal-minuri Courtney [recte: E] u dana billi jkollu access regolat:

- Kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha mis-saghtejn ta' wara nofs inhar sas-sitta ta' filghaxija;
- Kull Sibt u Hadd alternattivament mill-ghaxra ta' filghodu sas-sitta ta' filghaxija;

- Meta l-minuri jaghlaq erba' snin jibda jorqod mal-missier mill-Gimgha sas-Sibt jew / alternattivament mis-Sibt ghall-Hadd;
- F' gheluq snin ir-rikorrent u cioe' kull 28 ta' Ottubru u kull Jum il-Missier mill-ghaxra ta' filghodu sat-tmienja ta' filghaxija;
- Nhar Jum il-Milied jew/ alternattivament Jum l-Ewwel tas-Sena mill-ghaxra ta' filghodu sat-tmienja ta' filghaxija;
- U f' gheluq snin il-minuri u cioe' kull 3 ta' Settembru bejn is-saghtejn u s-sitta ta' wara nofsinhar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2007 kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha rrispondiet:

1. Illi hi qed taqbel li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri E li twieled fit-3 ta' Settembru 2007.

2. Illi intant ir-rikors jinkorpora fih mhux biss kawza ai termini ta' l-Art. 86 tal-Kodici Civili izda ukoll talba ghall-access. Din it-talba ghall-access saret qabel ma giet imsejha il-Qorti tal-Familja sabiex isir tentattiv ta' medjazzjoni skond il-ligi. Ghalhekk f' dan is-sens il-kawza hija intempestiva u nieqsa mir-rekwizit tal-ligi.

3. Illi l-ittra ufficjali ai termini tal-Art. 86 tal-Kodici Civili giet prezentata fl-20 ta' Settembru 2007 pero' l-istess ittra hija datata mill-attur 19 ta' Settembru 2007. B' hemm l-istess ittra ufficjali hija nulla ghax turi fatt b' iehor. It-timbru fuq l-ittra bid-data 20 ta' Settembru 2007 juri d-data tal-prezentata.

4. Illi minkejja kull haga ohra wara li l-konvenuta giet notifikata hi pprezentat in-nota ta' l-accettazzjoni taghha fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali (51/07) nhar it-28 ta' Novembru 2007 cioe' (cash number 1175/11/07 Dok A) fl-istess jum

li fih l-attur fetah il-kawza. Ghalhekk il-konvenuta f' kull kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

5. Illi ghalhekk l-azzjoni tal-attur hija intempestiva, stante li saret in-nota rikjesta u f' kull kaz il-konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza anke ghaliex il-ftit flus li ghandha ghandha bzonnhom sabiex tghajjex lit-tifel haga li l-attur qed jonqos li jaghmel.

6. Illi intant minn mindu twieled dan it-tifel sallum l-attur ta lil konvenuta hamsin Lira Maltin (Lm50), zewg pakketti nappies u zewg bottijiet halib u zewg baby grows biss. Il-konvenuta ma tahdimx u ma ghandhiex minn fejn izzomm lit-tifel jekk ma jkunx ghall-ghajnuna li qed tircievi minghand il-genituri taghha.

7. Illi l-esponenti baqghet tispera li l-attur kien ser jassumi l-obbligi tieghu li jhallas ghat-trobbija tat-tifel – hu minkejja l-weghdiet tieghu naqas li jaghmel dan. Issa qed jispera li jkollu access ampju minghajr ma jhallas ebda manteniment.

8. Illi dwar l-access ukoll il-kawza hija intempestiva – il-konvenuta qatt ma riedet iccahhad l-access u l-konvenut ma ressaqx il-kaz tieghu ghal medjazzjoni fejn il-konvenuta zgur kienet ser taghti access u fejn ukoll kienet ser titlob ghal manteniment xieraq.

9. Illi intant l-access li qed jitlob l-attur hu wiehed twil wisq ghal tarbija ta' hames xhur li zgur ghandha htigijiet kbar li tista' ittihomlha biss ommha. Ghalissa zgur li l-access ghandu jkun limitat. Ma hemmx qbil li ta' erba' snin din it-tarbija ghandha torqod mal-missier. Intant dan il-missier li issa qed juri tant zelu la qatt cempel biex jara t-tifel kif inhu u la qatt offra li jhallas ghall-ghixien jew medicini ta' ibnu.

10. Illi hu car li t-tifel ghandu bzonnijiet kbar u li l-konvenuta qed tiprevalixxi ruhha minn din il-kawza biex taghmel il-kontro talba taghha.

Rat il-kontro talba prezentata mill-istess konvenuta rikonvenzjonata, u li tinsab a fols.21 sa 23 tal-process [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata ta' l-attur rikonvenzjonat u li tinsab a fols.33 tal-process [Appendici B];

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jehtieg illi l-minuri jkun prezenti fil-kawza u li l-interessi tieghu jkunu rapprezentati minn kuraturi deputati.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg ukoll illi r-rikorrent jispecifika ukoll l-eta' tieghu fid-data tat-twelid tal-minuri u jekk missier ir-rikorrent kienx haj f' dik id-data sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti flimkien mad-dettalji personali tar-rikorrent. Inoltre jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors guramentat l-esponent mhux il-legittimu kontradittur, pero' jinnota li l-isem tal-minuri f' dik it-talba gie erronjament indikat.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-rapport[1] prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mahluf;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li l-kawza thalliet ghad-data tallum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg talbiet, relattivi ghall-paternita';

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-ewwel zewg talbiet l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tarbija registrata bl-isem 'E D' li twieled mill-konvenuta fit-3 ta' Settembru 2007 huwa l-wild naturali u bijologiku ta' l-attur, ghalkemm registrata bhala "unknown father" fuq l-Att tat-Twelid tieghu numru 2829/2007; kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna l-korrezzjoni konsegwenzjali.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li f' Lulju 2006 il-partijiet dahhlu f' relazzjoni li damet sejra sa' Mejju 2007. Minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel E fit-3 ta' Settembru 2007. Illi l-konvenuta C D kkonfermat bil-gurament li matul l-imsemmi perijodu hija kellha relazzjonijiet intimi ma' l-attur biss, u ghalhekk tghid li ma hemmx dubju li t-tifel huwa l-wild naturali ta' l-attur.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA jikkorroboraw din it-tezi, stante li jikkonfermaw lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifel E.

Ghaldaqstant l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur jinsabu gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

[1] Fols.40 et seq.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-minuri E D mwieled mill-konvenuta C D fit-3 ta' Settembru 2007 huwa l-wild naturali ta' l-attur A B, u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid numru 2829/07 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet B u D fi kwoti wgwali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq it-tielet talba ta' l-attur, u fuq iz-zewg talbiet tal-kontro talba; u dan, wara li l-partijiet imorru ghal medjazzjoni fuq il-vertenzi ta' l-access u tal-manteniment.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------